MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Numru 932/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**V**

**STEPHEN GALLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN GALLI** ta' wiehed w erbghin sena imwieled l-Istati Uniti tal-Amerika nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu 1964 u residenti 17, 'Milano', Triq San Girgor, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 13884A u detentur ta' passaport Amerikan numru 101144232 gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar l-ghaxra ta' Ottubru 2005, ikkommetta serq ta' basket mill-hanut 'Optika' li jinsab fi Triq x-Xatt, Sliema li kien jikkontjeni flus u oggetti ta' valur

ghad-dannu ta’ Nataline u Karen Chetcuti kif wkolltal-Optika Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin izda huwa aktar minn mitt lira maltin;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

3. Talli fil-hdax ta’ Ottubru 2005 f’Tas Sliema ghal habta tal-hamsa w nofs ta’ filghaxija, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku, kontra PS 1136 Fabian Fleri u PC 315 Shaun Galea, persuni nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 1136 Fabian Fleri u PC 315 Shaun Galea, persuni nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan kif iccertifika Doctor Camilleri MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixxklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun;

6. Talli rrenda ruhu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-tlettax ta’ Ottubru 2004 mill-Magistrat Dottor Anthony J. Vella.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta’ Ottubru 2005 esibit a fol 3 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar t-tlettax ta’ Ottubru 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 9].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 [fol 29] u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv dik l-akkuza ta’ ricettazzjoni li nghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta’ serq.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sittax ta’ Jannar 2006, **xehdet l-Probation Officer Marietta Lanzon** fejn spjegat li hi ilha ssegwi lil imputat sa mis-sena 2003 u fil-fatt ilha tipprova tipperswadih biex jaghmel programm ghal dawn l-ahhar tlett snin pero kien ghadu ma bediex il-programm.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 tal-atti jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi fi tmien okkazzjonijiet fuq diversi reati ta’ serq, pussess ta’ Cannabis w Eroina u frodi, meta nghata pieni ta’ multi,

sentenzi sospizi u probation orders, izda cio nonostante l-imputat ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi w ghalhekk il-Qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tkun klementi mieghu fl-ghoti tal-piena.

Rat li l-imputat din d-darba gie akkuzat b'reat kontra l-ordni pubbliku u cioe t'ingurja u talli fera ufficjal tal-pulizija kif wkoll talli hebb w offra resistenza ghal ordnijiet taghhom, apparti l-akkuzi ta' serq.

Illi dawn r-reati huma ta' natura serja hafna w il-Qorti ma tistax thalli bniedem jiggieled ma ufficjali tal-pulizija li jkunu qed jaqdu servizz pubbliku u jipprotegi d-drittijiet tac-cittadini bhal li kieku ma sar xejn.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 221, 261, 267, 279, 334, 96, 95, 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat STEPHEN GALLI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------